MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 366/2008/1

**Avviz Numru: 366/2008/MK fl-ismijiet:-**

**Ivan Zammit (ID 379768 M) u Lucienne Zammit (ID 349972 M).**

**vs.**

**JJ Scerri Company Limited (C 19742).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-24 ta’ Settembru 2010 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal,***

*Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas ta’ hames mija, tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu*

*(€582.34 ) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi wara xiri ta' magna tal-hasil tal-hwejjeg tal-marka Concorde minghand is-socjeta' konvenuta, liema magna kienet difettuza.*

*Bl-spejjez, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet illi t-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet:-*

*(1) illi primarjament, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti m'humiex cari u ghalhekk m'hemmx tifsir car u sewwa tal-oggett u r-ragunijiet tat-talba taghhom, stante illi ma giex indikat b'mod specifiku x'jirraprezentaw id-danni li allegatament sofrew u li fuqhom qeghdin jibbazaw it-talba taghhom;*

*(2) Illi subordinatament u bla pregudizzju, it-talba tar-rikorrenti ghal danni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-magna tal-hasil tal-hwejjeg mibjugha mill-kumpanija intimata lir-rikorrenti fl-24 ta' Lulju, 2006 ghal prezz ta' €416.96 ma kienet bl-ebda mod difettuza;*

*(3) B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri, partikolarment wara li r-rikorrenti jindikaw b'mod car id-danni li fuqhom qeghdin jibbazaw it-talba taghhom, kif indikat f'paragrafu (1);*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

*Ra mill-atti li permezz ta' nota, s-socjeta' konvenuta eccepixxiet ulterjorment fid-19 ta' Dicembru, 2008 illi t-talba tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artiklu 1431 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;*

*Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.*

*Sema' x-xhieda ta' Ivan Zammit, Lucienne Zammit, Zaren Bonnici, Melchior Long, Kenneth Francica, Charles Fenech u Michael Scerri.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal danni sofferti wara li l-atturi xtraw magna tal-hasil mis-socjeta' konvenuta. Illi l-ammont fit-talba huwa l-prezz imhallas ghall-magna tal-hasil tal-hwejjeg kif ukoll ghall-ispejjez ta' xi hwejjeg rovinati wara l-uzu ta' din il-magna tal-hasil. Illi l-allegazzjonijiet attrici gew michuda mis-socjeta' konvenuta ghaliex qalu li din il-magna ma kienetx difettuza. Intqal ukoll illi t-talba kif dedotta ma kinetx cara. Is-socjeta' konvenuta eccepixxiet ulterjorment li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 1431 (1) tal-Kodici Civili fejn jinghad illi l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja ghal dawk li huma hwejjeg mobbli jaqghu bil-preskrizzjoni fl-eghluq sitt xhur minn dak inhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha u jekk ix-xerrej ma setax jikxef id-difett tal-haga, iz-zmien tal-preskrizzjoni jiddekkorri minn dak inhar li seta' jkun li hu kixef id-difett.*

*It-Tribunal sema x-xhieda tal-partijiet. Ra li din il-magna tal-hasil inxtrat fl-24 ta' Lulju 2006 u skont l-atturi din il-magna hargulha difetti sa mill-bidu meta talbu lis-socjeta' konvenuta jaraw x'kellha din il-magna, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta qalilhom illi l-magna kellha l-'gear box' diffetuza. Illi wara li giet mibdula din 'il-gear box' xorta wahda l-magna baqghet ittebba' l-hwejjeg u s-socjeta' konvenuta bdiet twahhal fil-prodott ta' detergent li kienu qieghdin juzaw l-atturi u mhux ghaliex il-magna kellha xi difett. L-atturi min-naha taghhom kienu kitbu lid-ditti tal-prodotti tad-detergenti izda dawn id-ditti cahdu li t-tbajja fil-hwejjeg kienu kagunati mill-prodott taghhom. Dan jirrizulta minn dokumenti ezebiti fejn l-ahhar ittra ricevuta minn Drop Chemicals Ltd, id-ditta li tipproduci detergent powder tal-marka Derh Matic u fabric conditioner bl-isem Derh Fresh, il-prodott uzat mill-atturi, kienet mibghuta lilhom fl-10 ta' Gunju 2008, id-ditta kkonfermat illi l-prodotti*

*taghhom huma ta' kwalita' gholja u f'ghoxrin sena ma kellhom l-ebda ilment mill-konsumatur. Minkejja din l-ittra s-socjeta' konvenuta baqghet isostni li l-magna tal-hasil ma kellha l-ebda difett.*

*Sussegwentement l-atturi gew kostretti jixtru magna ohra mill-istess socjeta' konvenuta u l-atturi ma kellhom ebda ilment dwar it-tieni magna tal-hasil li kienu xtraw mill-istess socjeta' konvenuta. It-Tribunal jirrilleva li mill-provi jirrizulta wkoll li l-magna tal-hasil kienet koperta b'garanzija konvenzjonali mahruga mis-socjeta' konvenuta mall-komprovendita.'*

*Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 1431 (1) tal-Kodici Civili, it-Tribunal jirrilleva li sabiex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imfassla mis-socjeta' konvenuta tigi evalwata, l-azzjoni kellha tkun jew wahda redibitiorja jew wahda estimatorja. Illi fil-kaz odjern, it-Tribunal ghandu talba ghal difett ghaliex l-oggett mibjugh ma kienx ta' kwalita' patwita. Illi dan id-difett gie a konjizzjoni tal-atturi sa mill-bidu tant illi d-diskussjonijiet dwar l-allegat difett mas-socjeta' konvenuta kienu saru minn ftit wara li l-magna tal-hasil kienet inxtrat u kienu involuti varji persuni teknici nkarigati miz-zewg partijiet sabiex jippruvaw jirrizolvu din il-kwistjoni. Izda, soluzzjoni qatt ma nstabet u l-atturi kellhom jixtru magna tal-hasil gdida mill-istess socjeta' konvenuta. Illi ghalkemm dan id-difett irrizulta sa mill-bidu, il-partijiet ma kienux certi jekk kinetx il-magna tal-hasil li kienet difettuza jew jekk id-detersiv kien qieghed jikkaguna t-tbajja. Izda l-ittra datata 10 ta' Gunju 2008 mis-socjeta' li tipproduci id-detersiv li uzaw l-atturi kixef illi ma kienx id-detersiv li kien difettuz u li ghalhekk id-difett kien fil-magna tal-hasil.*

*Illi mill-provi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-magna tal-hasil kienet difettuza tant illi l-atturi kellhom jirrikorru sabiex jixtru magna tal-hasil gdida li dwarha ma kellhomx ilment. Illi t-Tribunal jinsab ukoll sodisfatt illi ghal xi raguni l-magna tal-hasil kienet qieghda ittebbgha l-hwejjeg minflok tnaddafhom. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kienet ippruvat tghin lill-atturi u bidlet xi parts tal-magna li kienet ghadha taht il-garanzija kummercjali, l-problema qatt ma*

*giet rizolta u kompliet tissokta. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta ma riedetx tassumi l-obbligi taghha qua venditur u tassumi r-responsabbilta’ tal-ogget mibjugh minnha. Illi min-naha tas-socjeta’ konvenuta kienet sahansitra tefghet il-htija tat-tbajja fil-hwejjeg fid-detergent li kienu juzaw l-atturi. Illi minn dokumenti ezebiti hemm indikat li d-detersiv ma kienx il-kawza tat-tbajja u in konkluzjoni jibqa’ biss xi difett li kellha l-magna tal-hasil. Illi din l-ittra datata 10 ta’ Gunju 2008 accertat illi d-difett ma kienx fid-detersiv izda fil-magna tal-hasil. Illi l-kawza ghalhekk semmaj giet intavolata fi zmien perentorju rikjest mill-artiklu 1431 (a) tal-Kodici Civili u z-zmien ma kienx ghadu skada meta giet intavolata l-azzjoni u in oltre in forza tal-garanzija rilaxxjata lilu fil-mument tal-komprovendita` (ezebita in atti) kien akkordat lill-konsumaturi terminu ta’ sentejn garanzija fuq ‘parts’ u ‘labour’. Illi qabel din l-ittra ghalkemm l-atturi kienu ntebhu bid-difett ma kienux certi jekk id-difett kienx mill-magna tal-hasil jew mid-detersiv. Ghal xi raguni meta l-magna kienet tithaddem il-hwejjeg kienu jitebbghu minflok jitnaddfu, eliminata l-possibilita’ li d-difett huwa fid-detersiv, id-difett ghalhekk jibqa’ fil-magna tal-hasil.*

*Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li l-garanzija kummercjali moghtija lill-kumpratur hija ghall-vizzji jew difetti gravi mohbija u pre-ezistenti. Illi hemm zewg kriterji li jidetterminaw l-gravita’ tad-difett u cioe’ fl-assoluta inettitudini tal-haga li sservi ghall-uzu li ghalih l-oggett huwa destinat jew l-uzu ta’ dak l-oggett gie diminwit. Illi fil-kaz in kwistjoni ma hemm l-ebda dubju li ma setax ikun hemm iktar uzu ghal din il-magna minhabba r-rizultati negattivi li kienet qieghda taghti l-istess magna tal-hasil. Illi zgur illi kieku l-atturi kienu jafu b’dan il-vizzju fil-magna huma ma kienux disposti jixtru din il-magna u ghalhekk quddiemu t-Tribunal m’ghandux kwistjoni ghajr hlief li din il-magna ma kinetx qieghda tahdem sewwa. Illi s-socjeta’ konvenuta ppruvat issolvi l-kwistijoni ghall-klijenti taghha billi bidlet l-‘gear box’ izda l-magna xorta wahda kompliet thammeg u mbaghad ippruvat twahhal fid-detersiv. Irrizulta li d-difett ma kienx mid-detersiv li kien qieghed jintuza, izda s-socjeta’ konvenuta baqghet issostni li l-magna tal-hasil ma kellha l-ebda difett.*

*It-Tribunal m'ghandu ebda dubju li l-magna tal-hasil kienet difettuza. Illi fil-kaz odjern il-venditur ma riedx jiehu l-magna*
*tal-hasil lura. Illi taht il-ligi tal-"Consumer Affairs Act, 1998" il-bejjiegh ghandu certi obbligi li ma jistax jahrab minnhom. In konkluzjoni, b'sens ta' gustizzja u ekwita' t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-atturi 'qua' konsumaturi ntavolaw l-azzjoni fi zmien sentejn in forza tal-garanzija rilaxxata lilhom fil-mument tal-komprovendita' fuq 'parts' u 'labour charges'. Illi mit-talba jirrizulta li hija talba ghal difett liema magna tal-hasil kienet ghadha koperta bil-garanzija konvenzjonali. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana wkoll li l-garanzija konvenzjonali hija addizzjonali ghall-garanzija legali u mhux l-anqas inkonciljabbli ma' din tal-ahhar 'ghax anzi taht certi rigwardi, ikabbar u jestendi l-effetti tal-garanzija legali,' (Joseph Cefai vs Carmelo Petroni et noe Appell Kummerc., 28/06/57.)*

*Illi fil-mertu t-Tribunal huwa ampjament sodisfatt illi l-magna tal-hasil kellha difett tant illi l-atturi kellhom jirrikorru sabiex jixtru magna tal-hasil ohra, dejjem mill-istess socjeta' konvenuta li sallum ma kellhom l-ebda ilment dwar it-tieni magna.*

*Huwa d-dmir tat-Tribunal li jirrizolvi l-vertenzi li jkollu quddiemu a bazi ta' gustizzja u ekwita'. Illi apparti l-istrument ekwitattiv, it-Tribunal ghandu ukoll josserva l-parametri legali inkwadrati fil-kaz in kwistjoni bhal ma hija ukoll il-ligi tal-"Consumer Affairs", tal-1998.*

*Illi wara li sema' u evalwa l-provi li tressqu quddiemu t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-atturi ppruvaw t-talbiet taghhom fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. Illi huwa d-dmir ta' min ikun qieghed ibiegh illi jissalvagwardja d-drittijiet tal-klijent tieghu. Illi deher car u manifest illi l-atturi ma kienux sodisfatti mill-prodott mibjugh lilhom mis-socjeta' konvenuta tant illi kellhom jirrikorru fi spejjez ulterjuri sabiex jixtru magna tal-hasil ohra dejjem mill-istess socjeta' konvenuta.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billli jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi fis-somma ta' hames mija, tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) bl-interessi mill-10 ta' Gunju 2008, filwaqt illi jirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-kumpanija intimata JJ Scerri Company Limited datat 14 ta' Ottubru 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Frar 2011.

Rat ir-risposta ta' Ivan u Lucienne konjugi Zammit datata 11 ta' Novembru 2010 a fol 11 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Luciano Busuttil ghall-appellati prezenti u Dr. Tonio Cachia ghas-socjeta` appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi datata 24 ta' Settembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma (a) li t-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar ghamel applikazzjoni hazina tal-Ligi peress li la darba din il-kawza kienet dwar difett latenti u allura jidher li l-azzjoni ittententa kienet dik ta' l-azzjoni reditoria fejn intalbet rifuzjoni tal-prezz u ma ghandha x'taqsam xejn mal-azzjoni mhux tal-kwalita' pattwieta; skond din l-azzjoni l-azzjoni kellha ssir fi zmien sitt xhur minn meta ix-xerrej seta' jikxef id-difett **("Mary Ann Guercio vs UCIM Co. Ltd.** (A.C. – 6 ta' Gunju 2008); **"Maria Rose Muscat Baldacchino vs Edmond Vincent Kind nomine"** – A.K. – 18 ta' Ottubru 1963); **"Carmelo Dimech vs Francis Xeureb et"** – A.C. – 15 ta' Dicembru 1997) u dan kellu japplika jew minn meta l-magna nxtrat fl-24 ta' Lulju 2006 jew f'dik l-istess sena u mhux kif qal it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Tribunal)mill-10 ta' Gunju 2008 (meta l-azzjoni odjerna saret qabel fit-30 ta' April 2008) u allura l-azzjoni attrici hija perenta; (b) saret decizjoni zbaljata meta bhala danni gie ordnat mhux biss ir-rifuzjoni tal-prezz, izda li l-appellati jzommu l-magna li huma xtraw fl-24 ta' Lulju 2006, u dan imur oltre dak stipulat mil-Ligi; (c) li l-istess Tribunal ma setax jaghti d-danni wkoll ghall hwejjeg li allegatament gew imtebba bil-magna in kwistjoni u dan iktar u iktar meta t-Tribunal ma ghamel l-ebda riferenza ghall-istess fid-decizjoni tieghu, u dan apparti nuqqas ta' prova dwar l-istess u dan peress li l-ittra tal-10 ta' Gunju 2008 minn importatur ta' detergent partikolari lanqas hija prova ta' tali danni oltre l-prezz tal-magna.

Illi l-appellat irrisponda li l-azzjoni attrici hija wahda ta' danni u allura l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn u l-azzjoni li saret kienet dik ta' danni u mhux azzjoni redibitoria jew aestimatoria, tant li ma intalbitx rifuzjoni tal-prezz, u dan fuq l-iskorta li l-oggett ma kienx tal-kwalita' pattwita u l-kumpens dovut. Inghad ukoll li skond is-sentenza **"Doris Giordmaina vs Oxford Mobbli Limited"** (A.I.C. – 28 ta' Marzu 2008) it-terminu ta' preskrizzjoni specjali jkun sospiz sakemm idumu ghaddejjin it-trattativi bejn il-kummercjant u l-konsumatur bil-ghan li jintlahaq ftehim amikevoli u ghalhekk l-ewwel aggravju huwa nfondat ghaliex l-azzjoni ttenta mill-atturi kienet dik li l-magna tal-hasil ma kienitx tal-kwalita'

pattwita; (2) fit-tieni lok is-socjeta’ appellanti ammettiet li l-magna ma kienitx tal-kwalita’ pattwita ghaliex haduha u bidlu l-parts taghha; (3) li l-kawza kienet ghar-rifuzjoni tal-prezz u wkoll ghad-danni sofferti li kienu jikkonsistu fi hwejjeg intebba.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva li hemm differenza bejn l-azzjoni li qed isemmi s-socjeta’ appellanti u l-azzjoni li qed isemmi l-appellat tant li l-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria taghti garanzija lix-xerrej ghal difett latenti jew mohbi ezistenti fil-mument tal-bejgh fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri, mentri min-naha l-ohra l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 1390** titratta dwar il-fatt li l-oggett mertu tal-bejgh ma jkunx skond kif miftiehem jew pattwit, li ovvjament ma jimportax u ma jfissirx li tali oggett ikun fih xi difett.

Illi fil-kaz odjern jidher car li skond il-fatti f’din il-kawza jirrizulta li l-azzjoni li kellha ssir kienet wahda ta’ difett latenti u dan peress li l-allegazzjoni kienet li l-istess magna kienet difettuza u mhux li ma kienitx tal-kwalita’ pattwita, u fil-fatt il-lamentela msemmija mill-appellat kienet dejjem tirrigwarda difett fil-magna u din ma ghandha x’taqsam xejn ma’ difett latenti li ghalih huma proponibbli biss l-azzjoni redibitoria jew stimatorja; fil-fatt id-difett allegat huwa dak intrinsiku fil-haga li kien hemm ftehim dwarha u certament mhux kwistjoni ta’ xi kwalita’ li l-partijiet ftehmu espressament fuqha, jew inkella l-magna kellha xi kwalita’ differenti minn dik miftehma. Il-kawza hija biss dwar magna tal-hasil li allegatament ma kienitx tahdem tajjeb ghaliex kien hemm difett latenti u ghalhekk l-azzjoni li kellha tigi esperita f’dan il-kaz kienet dik skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1370 tal-Kap. 16 (“Dr. Christian Farrugia nomine vs George Xuereb proprio et nomine”** –A.I.C. (PS) 4 ta’ Mejju 2005).

Illi l-appellat jghid li huwa ghamel l-azzjoni li l-magna mhux tal-kwalita’ pattwita u allura mexa skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1390 tal-Kap. 16,** izda apparti li jidher li dan mhux il-kaz, xorta wahda jinghad li l-azzjoni ibbazata fuq l-**artikolu 1390 tal-Kap 16,** kif inghad fis-sentenza “**Emanuel Borg vs John Xuereb**” (App. Civ 25 ta’ Jannar 1989) ma tistax tirnexxi f’dan il-kaz ghaliex tali

azzjoni tirrikjedi li jekk il-venditur jikkonsenja haga mhux tal-kwalita` pattwita jew mhux bhal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircevieha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq is-sentejn mill-bejgh **("Ruben Briffa vs Joseph Mallia"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002); **"Paul Galea proprio et nomine vs Carmel Galea"** (P.A. (PS) – 31 ta' Jannar 2003).

Illi fill-kaz odjern pero` l-appellati jidher li  ma ghazlux wahda mill-alternattivi offerti mill-ligi, pero` ghazlu li jitolbu biss danni, rimedju li mhux kontemplat fil-ligi hlief abbazi tal-**artikolu 1390** meta l-atturi jirrifjutaw il-haga, u meta jaccettaw il-haga l-unika haga li jistghu jitolbu huwa biss tnaqqis fil-prezz abbazi ta' stima ta' periti.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi mposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-**artikolu 1427** u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-**artikolu 1390 tal-Kap 16**.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. (JDC) 13 ta' Marzu 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess **Kodici Civili** taht it-**Taqsima 2,  Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza "**Scicluna vs Scerri"** (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn inghad illi:  "*l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti;  u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. (JF) 10 ta' Dicembru 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redhibitoria* jew l-azzjoni skond l-**artikolu 1390**, u dan gie kkonfermat fis-sentenza **"JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001).

Illi fil-fatt fl-istess sentenza gew affermati is-segwenti principji u cjoe' li minn dak fuq premess jirrizulta li per analogia u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:

*"(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej,*

*(b) t-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba* (f'dan il-kaz citazzjoni) *odjerna u abbazi tal-**artikolu 1390** u/jew l-**artikolu 1427 tal-Kap 16** kellha tintalab 'sine qua' non li:*

*(i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*

*(ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti tal-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata il-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi tal-**artikolu 1390** jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

Illi minn ezami tal-avviz tat-talba attrici jirrizulta li din l-azzjoni saret biss abbazi ta' danni *ex contractu* skond il-principji generali tal-kuntratti u ghalhekk ghal kollox differenti u estraneja ghal-ligi specjali u azzjonijiet *ad hoc* permessibbli taht il-kuncett guridiku ta' bejgh jew tpartit skond kif gie ritenut ukoll fis-sentenza "**Portelli vs Grima**" (A.C. 27 ta' Novembru 1957 – XLI.i.341).

Illi fil-fatt jista' jinghad li skond l-**artikolu 1390** l-azzjoni ta' danni tista' biss tirnexxi jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga, li ovvjament l-atturi ma ghamlux skond il-premessi

minnhom esposti, u ghalhekk l-azzjoni taht l-**artikolu 1390** ma tistax tirnexxi.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-**artikolu 1427** relattiv ghall-*actio redhibitoria* u l-*actio aestimatoria*, id-danni japplikaw biss fil-kaz ta' *malafede* da parti tal-bejjiegh, u ghalhekk dan ifisser li sabiex jirnexxu t-talbiet ta' danni konsegwenti ghall-bejgh jew tpartit, dan jippresumi l-ezistenza u l-esitu posittiv u favorevoli ta' wahda mill-azzjonijiet specjali fuq indikati li fic-citazzjoni attrici huma ghal kollox mankanti (**"Buttigieg vs Hirst**" (Vol XXXII.i.163).

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li l-azzjoni attrici kif proposta ma hijiex possibbli li tigi milqugha ghaliex ma hijiex proponibbli taht il-Ligi nostrali, ghaliex l-azzjoni li kellha ssir kienet dik ta' azzjoni aestimatorja jew redibitoria minhabba difett latenti u mhux dik l-azzjoni, mhux tal-kwalita' pattwita; fit-tieni lok anke kieku jigi accettat li l-azzjoni ttenta mill-atturi kienet dik mhux tal-kwalita' pattwita, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi ghaliex l-atturi ma rrifjutawx l-oggett mibjugh; u fl-ahhar nett jekk l-azzjoni attrici hija dik ta' danni generali *ex contractu* din ma hijiex possibbli skond il-Ligi u gurisprudenza prevalenti ghaliex l-azzjonijiet disponibbli f'kaz ta' bejgh huma dawk indikati mill-istess Kodici u mhux dik generali.

Illi huwa ovvju li dan kollu t-Tribunal lanqas biss induna bih fid-decizjoni moghtija u dan huwa wkoll rifless fil-korp kollu tas-sentenza fejn l-azzjoni ta' naxxenti minn difett latenti baqghet tigi konfuza ma' dik ta' l-azzjoni ta' haga konsenjata mhux tal-kwalita' pattwita, u dan huwa anke rifless mill-bran citat mis-socjeta' appellanti fejn it-Tribunal qal li *"it-talba ghal difett ghaliex l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalita' pattwita",* u dan juri bic-car konfuzjoni fil-koncetti legali nvoluti u li jwasslu ghat-thassir tal-istess sentenza. Kien ghalhekk li kieku giet esperita l-azzjoni redibotoria kien japplika l-artikolu 1431 (1) tal-Kap. 16, izda l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghaliex kif inghad hija mproponibbli.

Illi f'dan l-istat xejn felici kif giet redatta d-decizjoni tat-Tribunal, naxxenti wkoll mill-fatt ta' kif giet impostata l-

azzjoni attrici mibnija fuq il-principji generali ta’ danni, jidher li l-posizzjoni tal-appellati hija wkoll inkonsistenti, ghaliex jidher li ghamel azzjoni ta’ danni fuq difett latenti li mhux possibbli, li huwa jghid li ghamel azzjoni ta’ danni skond il-principji generali (ara paragrafu 1 tar-risposta tal-appell), azzjoni li ma tezistix, izda mbaghad isemmi fit-tielet paragrafu tar-risposta tal-appell tieghu, l-azzjoni li l-oggett mhux tal-kwalita’ pattwita, azzjoni li ma tistax tirnexxi peress li l-atturi appellati baqghu izommu l-magna ghandhom kontra dak dispost fl-**artikolu 1390 tal-Kap. 16.** B’hekk ma hemm l-ebda dubju li l-argumenti tal-appellati huma lkoll zbaljati u jirrizulta li saret azzjoni zbaljata, u t-Tribunal applika l-Ligi hazin u huwa f’dan is-sens hekk limitat u determinat f’din is-sentenza li l-appell odjern qed jigi milqugh. Huwa veru li l-**artikolu 7 tal-Kap. 380** jipprovdi li kaz ghandu jigi deciz mit-Tribunal skond l-ekwita’ izda dan dejjem inkonformita’ jew fil-parametri tal-Ligi u mhux kontra d-disposizzjonijiet tal-istess.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellati datata 11 ta’ Novembru 2010, **tilqa’ l-appell interpost mis-socjeta’ appellanti JJ Scerri Company Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 14 ta’ Ottubru 2010 biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, b’dan li thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet “Ivan Zammit et vs J J Scerri Company Limited” (Avviz Numru 366/08MK) datata 24 ta Settembru 2010 stante li l-istess decizjoni hija bbazata fuq applikazzjoni u interpretazzjoni hazina tal-Ligi, b’dan ghalhekk li minflok din il-Qorti qed tichad it-talba tal-atturi appellati fl-Avviz tat-Talba taghhom datat 30 ta’ April 2008, stante li l-azzjoni kif proposta hija mproponibbli legalment, u tilqa` r-risposta tas-socjeta’ appellanti biss in kwantu l-istess hija konformi ma’ dak hawn deciz.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi stante n-natura tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------